MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**ALBERT J. MAGRI**

**ONOR. IMHALLEF**
**TONIO MALLIA**

Seduta ta' l-1 ta' Frar, 2008

Appell Civili Numru. 2942/1996/1

**Galdes & Mamo Limited aġenti f'Malta tas-soċjetà assikuratriċi estera Royal International Insurance Holdings Limited, u din kif surrogata fid-drittijiet ta' l-assikurat tagħha V.J. Salomone (Equipment) Limited; u b'nota tal-25 t'April 2000 is-soċjetà Gasan Mamo Insurance Agency Limited assumiet l-atti tal-kawża minflok Galdes & Mamo Limited u dana in rappreżentanza tas-soċjetà estera Royal International Insurance Holdings Limited, u din kif surrogata fid-drittijiet ta' l-assikurat tagħha fuq imsemmi u b'nota tat-23 ta' Novembru, 2007 GasanMamo Insurance Limited assumiet l-atti tal-kawza minflok GasanMamo Insurance Agency Limited nomine**

**v.**

**Lufthansa Cargo A.G. u Air Malta Company Limited**

**Il-Qorti:**

**Preliminari:**

Iċ-ċitazzjoni intavolata fil-11 ta' Ottubru 1996, tgħid illi s-soċjetà V.J. Salomone Limited ["l-importatriċi"] kienet importat żewġ konsenji ta' arloġġi tal-marka Casio: waħda ta' ħamsa u għoxrin (25) kartuna li waslet Malta minn Tokyo fit-12 t'Ottubru 1995, fuq titjira LH3702, u oħra ta' tlieta u għoxrin (23) kartuna li waslet Malta minn Singapore fil-15 t'Ottubru 1995 fuq titjira LH8082. Iż-żewġ konsenji waslu fuq titjiriet tas-soċjetà konvenuta Lufthansa Cargo A.G. ["Lufthansa"] u kienu ġew konsenjati lis-soċjetà konvenuta l-oħra Air Malta Company Limited ["Air Malta"]. Meta l-konsenji ngħataw lill-importatriċi, din rat illi kien hemm nuqqasijiet fihom. L-attrici tghid li għal dawn in-nuqqasijiet għamlet tajjeb is-soċjetà attriċi, kif kienet marbuta li tagħmel taħt il-polza ta' assikurazzjoni, billi ħallset tmien mija u ħamsa u tletin lira (Lm835) u elf, tmien mija u tlieta u tletin lira (Lm1,833) rispettivament, u ġiet surrogata fid-drittijiet ta' l-importatriċi; tghid ukoll illi l-konvenuti, jew xi waħda minnhom, jaħtu jew taħti għan-nuqqasijiet, u ghalhekk qiegħda titlob illi l-Qorti, wara li tgħid illi l-konvenuti jwieġbu, jew tgħid min mill-konvenuti għandha twieġeb, għan-nuqqasijiet, tikkundanna lill-konvenuti, jew lil min minnhom taħti, iħallsu jew tħallas elfejn, sitt mija u tmienja u sittin lira (Lm2,668) bħala danni, flimkien ma' l-ispejjeż u l-imgħax legali sa dakinhar tal-ħlas.

Air Malta ressqet dawn l-eċċezzjonijiet:

1. safejn magħmula kontra l-eċċipjenti, it-talbiet ta' l-attriċi ma jistgħux jintlaqgħu għax ir-rapport ta' l-eċċipjenti bħala handler ma' Lufthansa bħala vettural huwa regolat bil-Ground Handling Agreement li hemm bejniethom;

2. is-soċjetà attriċi u/jew l-assikurat tagħha ma mxewx fit-termini skond l-art. 26 tal-Konvenzjoni ta' Varsavja, u għalhekk l-azzjoni ma tistax timxi; u

3. f'kull każ l-eċċipjenti ma tweġibx għad-danni jew nuqqasijiet.

Lufthansa ressqet l-eċċezzjoni illi t-talbiet, safejn magħmula kontra tagħha, għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjeż kontra l-attriċi għax l-eċċipjenti ma tweġibx għan-nuqqasijiet u għad-danni billi hija wasslet f'Malta ż-żewġ konsenji ta' merkanzija murija fuq l-*airway bills* u għaddiethom f'iden il-*cargo systems* ta' Air Malta fl-ammont, piż, stat u kwalità kif irċeviethom hi skond l-istess *airway bills*.

**Is-sentenza appellata.**

Il-Prim Awla tal-Qorti Civili ddisponiet minn din il-vertenza b'sentenza moghtija fid-9 ta' Gunju, 2005 bil-mod segwenti:
"Għal dawn ir-raġunijiet il-qorti taqta' l-kawża billi, wara li teħles lil Air Malta mill-ħarsien tal-ġudizzju, u tiċħad l-eċċezzjoni ta' Lufthansa, tgħid illi Lufthansa għandha tagħmel tajjeb għat-telf u għalhekk tikkundannaha tħallas lill-attriċi elfejn, sitt mija u tmienja u sittin lira (Lm2,668)[1], flimkien ma' l-imgħaxijiet u l-ispejjeż mitluba fiċ-ċitazzjoni. L-ispejjeż ta' Air Malta tħallashom l-attriċi; l-ispejjeż l-oħrajn kollha tħallashom Lufthansa."

U dana wara li ghamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:

"Il-fatti li wasslu għal din il-kawża ġraw hekk:

"L-importatriċi kienet daħħlet f'Malta konsenja ta' ħamsa u għoxrin (25) kartuna ["l-ewwel konsenja"] u konsenja oħra ta' tlieta u għoxrin (23) kartuna ["it-tieni konsenja"] prodotti tal-marka *Casio*. L-ewwel konsenja waslet Malta fit-12 t'Ottubru 1995 u t-tieni konsenja waslet fil-15

[1] Illum €6214.76

t'Ottubru 1995[2]. Billi, iżda, l-importatriċi ma kellhiex f'idejha d-dokumenti meħtieġa għall-għanijiet tad-dwana[3], il-konsenji ma setgħux jinħelsu mid-dwana u kellhom jittieħdu fid-depost. Meta l-merkanzija ttieħdet fid-depost, kien hemm erba' (4) kartuniet mill-ewwel konsenja u tmienja (8) mit-tieni konsenja li kienu bil-ħsara u għalhekk kienu twasslu f'borża issiġillata b'siġill ta' *Air Malta*[4].

"L-ewwel konsenja mbagħad inħelset mid-dwana fit-2 ta' Novembru 1995 u t-tieni konsenja nħelset fil-25 t'Ottubru 1995[5]. Meta ġiet f'idejn l-importatriċi, din sabet li kien hemm nuqqas ta' merkanzija li tiswa tmien mija u ħamsa u tletin lira (Lm835) mill-ewwel konsenja u elf, tmien mija u tlieta u tletin lira (Lm1,833) mit-tieni konsenja. L-attriċi bħala assikuratriċi għamlet tajjeb għat-telf li ġarrbet l-importatriċi u din issurrogatha fid-drittijiet tagħha[6]. L-importatriċi wkoll, b'żewġ ittri ta' l-14 ta' Novembru 1995[7], għarrfet kemm lil *Air Malta* kif ukoll lil *Lufthansa* illi fil-fehma tagħha kellhom iwieġbu għat-telf u sejħitilhom biex iħallsu.

"Qabel ma nqisu l-meritu tat-talbiet ta' l-attriċi, irridu naraw jekk l-azzjoni safejn magħmula kontra *Air Malta* saritx fiż-żmien li jagħti l-art. 26 tal-Konvenzjoni ta' Varsavja:

Article 26

1. Receipt by the person entitled to delivery of luggage or goods without complaint is *prima facie* evidence that the same have been delivered in good condition and in accordance with the document of carriage.
2. In the case of damage, the person entitled to delivery must complain to the carrier forthwith after the discovery of the damage, and, at the latest, within three days from the date of receipt in the case of luggage and seven days from the date of receipt in the case of goods. In the case of delay the complaint must be made at the latest within

---

[2] Ara x-xhieda ta' George Agius fis-seduta tal-15 ta' Jannar 2002, *fol.* 84.
[3] *Ibid. foll.* 84 *et seq.*
[4] Ara x-xhieda ta' Francis Piscopo fis-seduta tat-8 ta' Marzu 2002, *foll.* 93 *et seq.*
[5] Ara x-xhieda ta' George Agius fis-seduta tal-15 ta' Jannar 2002, *fol.* 84.
[6] *Foll.* 12 *et seq.*
[7] *Foll.* 7 *et seq.*

fourteen days from the date on which the luggage or goods have been placed at his disposal.
3. Every complaint must be made in writing upon the document of carriage or by separate notice in writing despatched within the times aforesaid.
4. Failing complaint within the times aforesaid, no action shall lie against the carrier, save in the case of fraud on his part

"Rajna illi l-ewwel konsenja waslet Malta fit-12 t'Ottubru 1995 u nħelset mid-dwana fit-2 ta' Novembru 1995, u t-tieni konsenja waslet fil-15 t'Ottubru 1995 u nħelset fil-25 t'Ottubru 1995. Rajna wkoll illi kien hemm dewmien biex tinħeles il-merkanzija għax l-importatriċi ma kellhiex id-dokumenti meħtieġa.

"Jidher mill-ewwel illi, dwar it-tieni konsenja, l-avviż ingħata wara l-erbatax-il jum li jrid l-art. 26 u għalhekk l-azzjoni dwar dik il-konsenja ma tistax titmexxa.

"Dwar l-ewwel konsenja wkoll, fil-fehma tal-qorti, l-avviż ingħata tard.

"Ir-raġuni hija illi t-terminu, li hu ta' erbatax-il jum ladarba kien hemm "*delay*", jibda jgħaddi għall-importatur minn dakinhar meta "*the luggage or goods have been placed at his disposal*" u mhux minn meta fil-fatt jeħodha. Id-dewmien ma kienx minħabba xi nuqqas tal-konvenuti iżda għax l-importatriċi ma kellhiex id-dokumenti li riedet id-dwana, u għalhekk iż-żmien ta' dewmien ma jiżdiedx mat-terminu, għax inkellha l-importatriċi setgħet ittawwal it-terminu kemm riedet billi ma tiġborx id-dokumenti. Il-merkanzija tqiegħdet mill-konvenuti "*at the disposal*" ta' l-importatriċi dakinhar li waslet u nħattet, i.e. fit-12 t'Ottubru 1995, aktar minn erbatax-il jum qabel ma ngħata l-avviż dwar in-nuqqasijiet.

"Jekk imbagħad ma nqisux id-dewmien u nqisu t-terminu minn dakinhar meta l-importatrċi effettivament ħadet il-merkanzija fit-2 ta' Novembru 1995, it-terminu huwa ta' "*seven days from the date of receipt in the case of goods*", li wkoll għalaq qabel ma ngħata l-avviż.

"L-azzjoni kontra *Air Malta*, għalhekk, ma tistax timxi, u l-qorti teħlisha mill-ħarsien tal-ġudizzju, bl-ispejjeż kontra l-attriċi.

"*Lufthansa* ma ressqitx l-istess eċċezzjoni taħt l-art. 26 tal-Konvenzjoni ta' Varsavja, u nistgħu għalhekk ngħaddu biex inqisu l-meritu tat-talbiet kontra tagħha.

"L-*air waybills* maħruġa minn *Lufthansa*[8] ma jgħidu xejn dwar ħsara fil-kartuniet u dan ifisser illi tgħabbew bla ħsara. Rajna wkoll illi xi kartuniet ddaħħlu fid-depost tad-dwana bil-ħsara u kienu għalhekk tqiegħdu f'borża issiġillata minn *Air Malta*. Dan ifisser illi n-nuqqasijiet seħħew jew waqt illi l-merkanzija kienet fuq l-ajruplan, jew meta nħattet jew sakemm ittieħdet mill-impjegati ta' *Air Malta* sad-depost tad-dwana. Fi kliem ieħor, in-nuqqasijiet seħħew jew waqt illi l-merkanzija kienet f'idejn *Air Malta* jew waqt illi kienet f'idejn *Lufthansa.*

"Tony Mifsud, *general manager ta' Lufthansa*, xehed hekk fis-seduta tat-23 ta' Settembru 2002:

"… … … bejn l-*Air Malta u l-Lufthansa Cargo A.G*. hemm dak li jgħidulu *ground handling agreement*. Permezz ta' dan il-ftehim l-*Air Malta* hija l-*handling agent* tagħna; dana fir-rigward tal-*handling* ta' l-ajruplan, tal-merkanzija, etc. L-*Air Malta* tirrappreżenta lilna.[9]"

"Dan ifisser illi, ladarba l-prinċipal iwieġeb għal dak li jagħmel l-aġent tiegħu, quddiem l-importatriċi *Lufthansa* twieġeb għan-nuqqasijiet ta' *Air Malta*, u għalhekk ma huwiex meħtieġ li naraw jekk in-nuqqasijiet seħħewx waqt illi l-merkanzija kienet f'idejn waħda jew waqt li kienet f'idejn l-oħra.

"Lanqas ma jiswa l-ftehim bejn *Lufthansa* u *Air Malta* biex ibiddel jew inaqqas il-jeddijiet ta' l-importatriċi; għal din, il-

8 *Foll*. 23 *et seq.*
9 *Fol*. 124.

ftehim jibqa' *res inter alios acta*, bla ħsara, naturalment, għar-relazzjonijiet interni bejn iż-żewġ konvenuti.

"Għalhekk, l-eċċezzjoni ta' *Lufthansa* ma tistax tintlaqa'.

"Dwar danni, mid-dokumenti ħareġ illi t-telf kien ta' tmien mija u ħamsa u tletin lira (Lm835) mill-ewwel konsenja u elf, tmien mija u tlieta u tletin lira (Lm1,833) mit-tieni waħda, b'kollox elfejn, sitt mija u tmienja u sittin lira (Lm2,668). *Lufthansa* ma ressqitx eċċezzjoni ta' limitazzjoni ta' responsabbiltà taħt l-art. 22 tal-Konvenzjoni ta' Varsavja."

**L-appell ta' Lufthansa Cargo AG.**

Is-socjeta` Lufthansa Cargo AG hasset ruhha aggravata bis-sentenza fuq riportata u ghalhekk b'rikors intavolat fit-30 ta' Gunju, 2005 talbet li, ghar-ragunijiet hemm moghtija, din il-Qorti joghgobha thassar is-sentenza fuq imsemmija billi tichad it-talbiet attrici fil-konfront tas-socjeta` konvenuta Lufthansa Cargo AG u tilqa' l-eccezzjonijiet taghha bl-ispejjez kollha kontra s-socjeta` attrici.

Is-socjeta` konvenuta Air Malta Company Limitedipprezentat risposta ghar-rikors ta' Lufthansa Cargo AG fejn, filwaqt li osservat li "*l-appell jidher li mhux dirett kontra dik il-parti tas-sentenza fejn l-ewwel Onorabbli Qorti illiberat lill-esponenti Air Malta mill-osservanza tal-gudizzju*" talbet li l-istess appell fil-konfront ta' Air Malta ghandu jigi michud bl-ispejjez kontra l-appellant u d-decizjoni tad-9 ta' Gunju 2005, konfermata almenu safejn din tillibera lill-istess Air Malta mill-osservanza tal-gudizzju.

B'digriet ta' din il-Qorti tas-27 ta' Novembru 2007 , wara li giet osservat li r-risposta ta' l-appell tas-socjeta` attrici appellata giet prezentata tardivament, l-istess risposta giet sfilzata mill-atti tal-kawza.

**L-aggravji tas-socjeta` Lufthansa Cargo AG.**

L-aggravju tas-socjeta` appellanti Lufthansa jista jigi sintetizza bil-mod segwenti: li l-ewwel Qorti naqset li tapplika r-regoli kemm dwar ir-responsabbilita` tal-"*carrier*" kemm ukoll dawk li jikkoncernaw il-limitazzjoni tad-danni li johorgu mill-Konvenzjoni ta' Varsavja li ghaliha ssir referenza fl-"a*irway bills*" li kienu jirregolaw dan it-trasport.

L-ewwel Qorti waslet biex sabet responsabbilita` fis-socjeta` konvenuta u kkundannatha thallas l-ammonti reklamati billi irriteniet li s-socjeta` konvenuta appellanti ma ressqet ebda eccezzjoni kemm fir-rigward tat-terminu impost fuq l-importatur ghar-reklam f'kaz ta' danni jew nuqqasijiet kemm fir-rigward tal-limitazzjoni tad-danni.

Is-socjeta` appellanti tissottometti li hi ma kellha ebda obbligu li taghmel referenza specifika ghal dawn l-eccezzjonijiet u dan billi tirritjeni li l-eccezzjoni minnha mressqa ghat-talbiet attrici kienet, implicitament, taghmel referenza ghall-"*airway bills*" u konsegwentement ghal dak li jinsab regolat fil-Konvenzjoni ta' Warsavja.

Din il-Qorti ma tistax tikkondividi din is-sottomissjoni. Qorti adita bi proceduri gudizjarji hija marbuta b'dak li hemm fl-atti u senjatament dak li qieghed jintalab u dak li qieghed jigi eccepit u ma tistax, *di sua sponte,* tikkonsidra affarijiet ohra li ma gewx sollevati mill-partijiet.

Fil-kaz in ezami jidher li s-socjeta` konvenuta appellanti cahdet ir-responsabbilita` taghha ghal dak li hemm imnizzel fic-citazzjoni billi qed issostni li (a) *hija waslet f'Malta iz-zewg konsenji ta' merkanzija de quo indikati fl-airway bills* u (b) *li hija ghaddiethom f'idejn il-"Cargo Systems" ta' l-Air Malta Company Limited fl-ammont, fil-piz u fl-istat u fil-kwalita` li hija irceviethom skond l-airway bills ..*" Din l-eccezzjoni tolqot il-mertu proprju tal-kwistjoni u bl-ebda mod ma jidher li s-socjeta` konvenuta appellanti kienet qeghdha tipprevalixxi ruhha minn xi drittijiet li taghtiha l-ligi, jew il-kuntratt vigenti bejn il-partijiet jew dawk naxxenti minn xi konvenzjoni internazzjonali. Is-socjeta` konvenuta qeghda semplicement tghid li dak li irceviet in esekuzzjoni tal-kuntratt ta' trasport ikkonsenjatu

fit-tmiem ta' l-obbligu taghha u dan in adempiment ta’ dak li kienet obbligata li taghmel skond il-ftehim li kien hemm bejnha u l-importatur. Hawn ma insiebu ebda referenza, imqar b'mod indirett, ghal xi nuqqas ta' l-importatur jew ghal xi limitazzjoni ta' l-obbligi ta' l-istess socjeta` konvenuta. Per analogija wiehed jista’ jaghmel referenza ghal kawzi ta’ danni fejn l-azzjoni tintilef jekk ma tigix intavolata f’terminu preskritt mil-ligi. Jekk f’dawn il-kazi l-konvenut ma jipprevalixxix ruhu mill-eccezzjoni ta’ preskrizzjoni ta’ dik l-azzjoni l-istess Qorti tkun qed tezorbita mid-dmirijiet taghha jekk, minn jeddha, tikkunsidra dan l-aspett tal-kwistjoni. Eccezzjonijiet mhux moghtija huma dejjem kunsidrati bhala rinunzjati u f’dan il-kaz jidher car li hekk gara f'dan il-kaz. Jigi rilevat li, ghalkemm il-ligi ta’ procedura tippermetti li, anke fi stadju ta’ appell, tinghata l-eccezzjoni ta’ preskrizzjoni jidher li s-socjeta` konvenuta lanqas f’dan l-istadju ma ressqet tali eccezzjoni. Inoltre din il-Qorti ma tistax tikkunsidra s-sottomissjonijiet dwar l-ammontar tad-danni billi din il-kwistjoni ma kinitx tifforma parti mid-dibattitu quddiem il-Qorti ta’ l-ewwel istanza kif tixhed l-istess eccezzjoni sollevata mis-socjeta` konvenuta appellanti.

Ghar-ragunijiet fuq moghtija l-appell tas-socjeta` konvenuta appellanti Lufthansa Cargo AG ma jistax jigi milquh u konsegwentement qed jigi michud u s-sentenza appellata qed tigi konfermata fl-interezza taghha bl-ispejjez kollha ta’ dan l-appell kontra s-socjeta` Lufthansa Cargo AG.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------